MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 87/2004

**Aplan Limited**

**vs**

**Marco Barbara**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef mitejn u erba' Liri Maltin (Lm3204.00,0) rapprezentanti flejjes dovuti lis-socjeta' attrici minn terzi, li l-konvenut gabar ghan-nom tal-istess socjeta' attrici matul is-sena 2003 u li minkejja diversi interpellanzi minn naha tas-socjeta' attrici u sensiela weghdiet li sejjer jaddivjeni hu xorta naqas li jaghddilha minghajr ebda raguni valida;**

**Bl-ispejjez legali komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru bl-istess ismijiet prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-29 ta' Settembru tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------